

**MT**

**MT**

**MT**



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 20.10.2009  
SEG(2009) 1397

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

**Li jakkumpanja l-**

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Is-Solidarjetà fis-sahha: It-Tnaqqis tal-Inugwaljanzi fis-settur tas-sahha fl-UE**

{KUMM(2009) 567 finali}  
{SEG(2009) 1396}

## 1. INTRODUZZJONI

Dan id-dokument jagħti fil-qosor il-valutazzjoni ta' impatt, li tikkunsidra għażliet ta' politika għal inizjattiva tal-UE "Solidarjeta` fis-Saħħa: It-Tnaqqis tal-Inugwaljanzi fis-settur tas-Saħħa fl-UE". Il-Kummissjoni identifikat il-ħtieġa għal azzjoni fl-Istrateġija tas-Saħħa tal-UE<sup>1</sup> u ħabbret inizjattiva tal-UE dwar l-inugwaljanzi tas-saħħa fl-Aġenda Soċjali Mġedda tal-2008<sup>2</sup>. Dan id-dokument jinkludi kummenti mill-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt relatati mal-għanijiet, l-użu tat-termini tal-inugwaljanzi u inġustizzji, proporzjonalità, sussidjarjetà u spejjeż. Ir-rapport jimpenja biss is-servizzi tal-Kummissjoni involuti fit-tħejjija tiegħu u ma jippreġudikax id-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni. Dan id-dokument jagħti fil-qosor il-valutazzjoni ta' impatt, li tikkunsidra għażliet ta' politika għal inizjattiva tal-UE "Solidarjeta` fis-Saħħa: It-Tnaqqis tal-Inugwaljanzi tas-Saħħa fl-UE". Dan id-dokument jinkludi kummenti mill-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt relatati mal-għanijiet, l-użu tat-termini tal-inugwaljanzi u inġustizzji, proporzjonalità, sussidjarjetà u spejjeż. Ir-rapport jimpenja biss is-servizzi tal-Kummissjoni involuti fit-tħejjija tiegħu u ma jippreġudikax id-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni.

Ir-responsabbiltà ewlenija sabiex l-inugwaljanzi tas-saħħa jiġu indirizzati hija f'idejn l-Istati Membri, iżda l-politiki tal-UE jistgħu jkollhom impatt indirett fuq is-saħħa u jistgħu jgħinu sabiex jegħlbu l-ostakoli kurrenti u jieħdu azzjoni. Ir-rapport jivvaluta l-azzjoni tal-UE sabiex tappoġġja u tikkumplementa l-isforzi tal-Istati Membri u l-partijiet interessati u timmobilizza l-politiki tal-UE lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa, b'rispett sħiħ tas-sussidjarjetà.

L-azzjoni tal-UE għandha tappoġġja titjib fis-saħħa tal-popolazzjoni kollha, iżda b'enfasi fuq it-tnaqqis ta' livelli fis-saħħa li mhumiex ġusti u li ma jistgħux jiġu evitati bejn il-gruppi soċjali u r-regġuni tal-UE - i.e. approċċ ta' 'titjib tal-livell'.

Numru ta' azzjonijiet rilevanti qed jittieħdu diġa` fil-livell tal-UE kif ukoll nazzjonali. Madanakollu azzjonijiet kurrenti huma limitati bil-livell ta' kuxjenza u prijorità mogħtija, nuqqas ta' involviment mill-partijiet interessati, nuqqasijiet fl-informazzjoni u l-għarfien, skambji mhux suffiċenti ta' prassi xierqa u diffikultajiet fil-ħolqien ta' approċċ ta' politika intersettorjali. Dan id-dokument għaldaqstant jikkunsidra l-miżuri sabiex jindirizza dawn il-kwistjonijiet.

## 2. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Bħalissa hemm differenza ta' 8 snin fit-tul tal-ħajja fit-twelid għan-nisa bejn l-Istati Membri tal-UE u differenza ta' 14-il sena għall-irġiel. Hemm ukoll differenzi kbar fil-mewt, diżabbiltà u mard bejn l-Istati Membri u r-regġuni tal-UE. F'ċerti pajjiżi n-nuqqas tas-saħħa tal-medja tal-UE u l-aħjar persuni kiber f'dawn l-aħħar għoxrin sena.

---

<sup>1</sup> COM (2007) 630

<sup>2</sup> COM (2008) 412

Hemm differenzi kbar fis-saħħa bejn il-gruppi soċjali definiti fuq bażi ta' dħul, professjoni, livell ta' edukazzjoni jew grupp etniku fl-Istati Membri kollha<sup>3</sup> Persuni b'livell aktar baxx ta' edukazzjoni, dħul jew professjoni jgħixu anqas u jonfqu aktar flus minħabba saħħa dgħajfa. Differenzi fit-tul tal-ħajja fit-twelid bejn gruppi soċjoekonomiċi ivarjaw bejn 4 u 10 snin għall-irgħiel u 2 u 6 għan-nisa. Din ix-xejra hija riflessa f'ħafna miżuri ta' saħħa fiżika u mentali. F'ċerti pajjiżi id-differenza kibret f'dawn l-aħħar deċennji.

L-inugwaljanzi tas-saħħa huma relatati mal-inugwaljanzi fid-determinanti soċjali tas-saħħa li jinkludu kondizzjonijiet (akkomodazzjoni, ambjent), saħħa relatata ma' mġiba (dieta, tipjip, eżerċizzu), impjeg u kondizzjonijiet tax-xogħol, edukazzjoni, aċċess għal protezzjoni soċjali li jinkludi aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità. Proporzjon sostanzjali ta' inugwaljanzi tas-saħħa ma jistgħux ikunu evitati u miftuħa għal politiki li jistgħu jiġu influwenzati mill-politika tal-UE.

Tliet oqsma ġew identifikati fejn nuqqasijiet ġew osservati li jippreżentaw ostakoli sabiex tittieħed azzjoni effettiva biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi tas-saħħa. Dawn huma oqsma li permezz tagħhom l-UE tista' tappoġġja u tikkumplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri:

Nuqqas ta' kuxjenza u prijorità` politika mhux suffiċenti u impenn mill-Istati Membri u kull min hu involut

Nuqqas ta' dejta komparabbli u regolari, monitoraġġ u rappurtaġġ. Nuqqas ta' għarfien fuq determinanti u politiki effettivi li għandhom jiġu implimentati

Approċċ miftiehem u mhux suffiċenti tal-UE fuq l-inugwaljanzi tas-saħħa (nuqqas ta' ugwajjanza fil-livell tal-UE)

L-Istati Membri qed jimplimentaw ċerti politiki iżda hemm nuqqas ta' strateġiji komprensivi. Iktar minn nofs l-Istati Membri ma jpoġġu l-ebda enfasi fuq il-politika sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi tas-saħħa. Barra minn hekk, il-politiki għandhom nuqqas ta' valutazzjoni u tixrid.

Filwaqt li teżisti evidenza b'saħħitha, aktar informazzjoni hija meħtieġa fuq l-effett (kawżalità) u l-importanza ta' ċerti determinanti tas-saħħa sabiex l-Istati Membri jimplimentaw azzjoni effettiva relatata ma' gruppi partikolari tal-popolazzjoni u determinanti. Dejta komparabbli, disponibbli madwar l-UE b'mod regolari dwar riżultati tas-saħħa u determinanti tal-inugwaljanzi tas-saħħa disaggregata minn gruppi soċjoekonomiċi hija meħtieġa wkoll.

Nuqqas ta' dejta u għarfien tar-riċerka hija ostakolu għall-iżvilupp tal-politika. Evidenza aħjar u mqassma u raġuni għal azzjoni jistgħu' jipprovdu l-impenn li bħalissa hemm nuqqas tiegħu minn firxa wiesgħa ta' partijiet interessati.

L-inugwaljanzi tas-saħħa fil-livell tal-UE rċevew prijorità oġhla ta' politika u hemm għadd ta' politiki tal-UE li qed ikollhom impatt pożittiv. Madanakollu, dan huwa diffiċli biex

---

<sup>3</sup> Il-livell tas-Saħħa u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien. Rapport ta' Monitoraġġ imħejji mill-Osservatorju Ewropew fuq is-Sitwazzjoni Soċjali. Kummissjoni Ewropea 2008.

tikkwantifikah u ma kien hemm l-ebda integrazzjoni sinifikanti tal-inugwaljanzi tas-saħħa madwar il-politiki rilevanti kollha tal-UE.

### **3. L-GĦANIJIET**

L-azzjoni tal-UE fir-rigward tal-għanijiet tal-inugwaljanzi tas-saħħa sabiex tappoġġja u tikkumplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri u partijiet interessati oħra u biex tiżgura li l-politiki tal-UE u l-attivitajiet jipprovdu ħarsien tas-saħħa ta' livell għoli kif ġie stabbilit fit-Trattat. Sa fejn hu possibbli, il-ħarsien tas-saħħa pprovdut mill-politiki tal-UE għandu jiġi estiż għaċ-ċittadini kollha irrispettivament mill-post fejn jogħqodu jew l-isfond soċjali tagħhom. Fit-tweqqiq ta' dawn l-għanijiet azzjoni tal-EU tista' tagħti kontribut lejn nuqqas ta' inugwaljanzi tas-saħħa fl-UE.

#### **3.1. L-għanijiet ġenerali**

L-għan ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa sabiex jappoġġja u jikkumplimenta l-isforzi tal-Istati Membri u l-partijiet interessati u jimmobilizza l-politiki tal-UE lejn in-nuqqas ta' inugwaljanzi tas-saħħa.

#### **3.2. L-Għanijiet speċifiċi**

L-għanijiet speċifiċi għandhom:

Joħolqu aktar kuxjenza, jippromwovu l-informazzjoni, l-aħjar prassi ta' skambju u koordinazzjoni ta' politika u jappoġġjaw l-affrontar tal-inugwaljanzi tas-saħħa bħala prijorità tal-politika; fil-livell Komunitarju kif ukoll tal-Istati Membri u minn partijiet interessati oħra. Itejbu d-dejta disponibbli u l-mekkaniżmi sabiex ikejlu, jissorveljaw u jirrapportaw dwar l-inugwaljanzi tas-saħħa madwar l-UE u jtejbu l-bażi ta' għarfien fuq il-kawżi tal-inugwaljanzi tas-saħħa u l-bażi ta' evidenza għall-azzjoni.

Jiżviluppaw il-kontribut tal-politiki rilevanti tal-UE lejn it-tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa, li jinkludu appoġġ aħjar tal-Istati Membri u sforzi tal-partijiet interessati sabiex jaffrontaw l-inugwaljanzi tas-saħħa u konċentrazzjoni speċifika fuq gruppi vulnerabbli u pajjiżi terzi.

### **4. ANALIŻI TA' SUSSIDJARETÀ: IR-RWOL TAL-UE HUWA ĠĠUSTIFIKAT?**

Għalkemm ir-responsabbiltà ewlenija sabiex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi tas-saħħa tinsab f'idejn l-Istati Membri, il-problema hija waħda ta' tħassib dwar il-politika għall-UE minħabba għadd ta' raġunijiet.

L-ewwel nett, it-tifrix u l-persistenza tal-inugwaljanzi tas-saħħa tissuġġerixxi diskrepanza bejn is-sitwazzjoni eżistenti u xi wħud mill-għanijiet ewlenin tal-UE bħat-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali, l-asigurazzjoni ta' opportunitajiet indaqs, il-promozzjoni tat-tnaqqis tal-inugwaljanzi, u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u s-solidarjetà fost l-Istati Membri (Art. 2 tat-Trattat tal-UE u Art. 2 tat-Trattat tal-KE).

It-tieni nett, livelli għolja ta' saħħa dgħajfa fl-oqsma tal-popolazzjoni tal-UE timplika spejjeż ta' opportunità sostanzjali għall-Unjoni u tipprovdi raġuni ekonomika għall-promozzjoni ta'

azzjoni sabiex jiġu indirizzati. Livelli għolja ta' saħħa tal-poplazzjoni huma importanti fil-kuntest ta' popolazzjoni li dejjem qed tixjieħ sabiex jippermettu ħajja tax-xogħol itwal u jappoġġjaw produttività, kompetittività u livelli ta' impjieg aktar għolja. In-nuqqas ta' saħħa li tista' tiġi evitata twassal ukoll għal spejjeż kbar għas-sistemi tas-saħħa u tqiegħed pressjoni bla bżonn fuq il-baġits pubbliċi. It-tnaqqis ta' telf bla bżonn minħabba problemi ta' saħħa u mwiet qabel il-waqt jista' jagħti kontribut sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' Liżbona u jinkiseb il-potenzjal sħiħ tal-Ewropa għal prosperità.

Hemm bażi legali għal azzjoni f'bosta artikoli tat-Trattat tal-KE li jinkludu: l-art. 12 u 13 (fuq l-antidiskriminazzjoni), art. 125 (promozzjoni tal-impjiegi u ħaddiema bil-kapaċitajiet, imħarrġa u adattabbli), art. 136 u 137 (titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol u ħarsien soċjali u ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali), art. 152 (assigurazzjoni ta' livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-politiki Komuntarji), art. 158 u 159 (tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali). Dawn l-artikoli jiffurmaw il-bażi għall-Kumunità sabiex tappoġġja u tikkumplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri.

Il-ħtieġa għal azzjoni tal-UE tista' tinsab: 1) fil-ħtieġa għall-ġbir ta' dejta madwar l-UE u monitoraġġ, minħabba li l-UE tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri individwali sabiex tiżgura li d-dejta tkun affidabbli u komparabbli u 2) fil-politika ta' Koeżjoni li permezz tagħha l-UE tipprovdni appoġġ finanzjarju għall-Istati Membri, b'mod partikolari fir-reġjuni inqas għanja, li jistgħu jiġu investiti fid-determinanti ewlenin tal-inugwaljanzi tas-saħħa bħal kondizzjonijiet tal-ħajja, taħriġ u servizzi tal-impjiegi, u kura tas-saħħa (promozzjoni, prevenzjoni u trattament). L-EU tista' tipprovdni wkoll valur miżjud billi toħloq kuxjenza u ssaħħaħ il-konċentrazzjoni fuq l-inugwaljanzi tas-saħħa, ittejjeb il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ, iżżid ir-riċerka u l-ġabra ta' għarfien, tipprovdni viżibilità ta' azzjonijiet rilevanti permezz ta' titjib ta' skambji ta' esperjenzi u prassi xierqa u tibni l-kapaċità, u ttejjeb il-konnessjonijiet bejn il-politiki tal-UE. Dawn ġew issuġġeriti fir-risposti tal-konsultazzjoni u fir-reviżjonijiet oħra ta' riċerka.

## **5. L-GĦAŻLIET TAL-POLITIKA**

Tliet għażliet ġew analizzati sabiex jinkisbu l-għanijiet. L-Għażla I hija l-kontinwazzjoni tal-attivitajiet kurrenti ("kollox jibqa' bħas-soltu"). L-Għażla II "Il-bini tal-miżuri eżistenti" tibni fuq xogħol eżistenti li jista' javvanza fi żmien qasir mingħajr tibdil ulterjuri jew fundamentali għal strumenti Komuntarji kurrenti, u fformulat f'komunikazzjoni. L-Għażla III "Tibdil globali" teħtieġ perjodu ta' żmien itwal, tinvolvi tibdil fi strumenti eżistenti tal-UE, u tinkludi Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. L-għażliet huma kumulattivi (l-għażla III tibni fuq l-għażla III tibni fuq l-għażla I – ara t-tabella).

### **5.1. L-Għażla I Kollox jibqa' bħas-soltu**

Fl-Għażla I, ħidma ta' appoġġ għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa tkompli taħt l-OMC soċjali u l-Istrateġija tas-Saħħa. L-ekwità fis-saħħa hija gwida prinċipali fl-Istrateġija tas-Saħħa u t-tnaqqis tal-inekwitajiet fl-aċċess għall-kura tas-saħħa u r-riżultati tas-saħħa huwa għan komuni taħt l-OMC soċjali. Permezz tal-esperjenza ta' skambju, l-UE tassisti l-Istati Membri sabiex dan il-għan jissarraf fi strateġiji nazzjonali. Il-mekkaniżmi jinkludu r-Rapporti tal-Istrateġiji Nazzjonali u r-Rapport Konġunt dwar il-Ħarsien Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali, evalwazzjonijiet tal-oħrajn u laqgħat tal-Kumitat tal-Ħarsien Soċjali, kif ukoll laqgħat tal-

Grupp Espert tal-UE dwar Determinanti Soċjali tas-Saħħa u l-Inugwaljanzi tas-Saħħa u l-Partit ta' Ħidma tal-Kunsill dwar is-Saħħa Pubblika fuq Livell Superjuri. Hemm appoġġ finanzjarju permezz tal-PROGRESS u l-Programm tas-Saħħa tal-2008-2013. Bl-istess mod, il-Politika ta' Adeżjoni, il-Politika Agrikola Komuni u l-fondi għall-Iżvilupp Agrikolu rurali jappoġġja ċerti attivitajiet fir-rigward tad-determinanti ewlenin tas-saħħa. Azzjonijiet oħra tal-UE jkollu, għalkemm mingħajr ma jiffokaw fuq l-inugwaljanzi tas-saħħa.

## **5.2. L-Għażla II: Il-Bini ta' miżuri eżistenti**

Fl-Għażla II, il-Kummissjoni tadotta kuxjenza ta' żieda fil-Komunikazzjoni dwar l-inugwaljanzi tas-saħħa u tikkonċentra fuq il-kobor ekonomiku, politiku u etiku tagħhom. L-Għażla II tikkonferma t-tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa bħala prijorità tal-politika, iżżid id-djalogu mal-partijiet interessati u tħabrek lejn użu aħjar tal-informazzjoni eżistenti u l-mekkaniżmi ta' skambju u l-appoġġ finanzjarju eżistenti. Hija tappoġġja azzjonijiet sabiex tibni għarfien għal azzjoni effettiva u tħabrek sabiex ittejjeb is-sistema ta' kejl tal-inugwaljanzi tas-saħħa bejn l-Istati Membri, ir-Reġjuni tal-UE u gruppi soċjali. Tinkoraġġixxi riflessjoni tal-bidu mill-oqsma rilevanti tal-politika dwar il-potenzjal tagħhom għal azzjoni f'dan il qasam (kif ġie propost minn ċerti awtoritajiet nazzjonali fil-konsultazzjoni). Tiddikjara għadd ta' azzjonijiet speċifiċi bil-għan li ssaħħa l-attivitajiet, mingħajr il-ħtieġa ta' żvilupp sinifikanti ġdid ta' politika. Ir-responsabbiltà tibqa' f'idejn l-Istati Membri sabiex jiżviluppaw politiki konkreti.

## **5.3. L-Għażla III: Tibdil globali.**

Fl-Għażla III l-Kummissjoni tipproponi wkoll: rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-inugwaljanzi tas-saħħa; miri li jnaqqsu l-inugwaljanzi tas-saħħa madwar l-UE b'mod globali; kumitat konsultattiv interistituzzjonali ta' livell għoli; reviżjoni ta' għadd ta' oqsma ta' politika li jinkludi t-tnaqqis tal-inugwaljanzi tas-saħħa bħala prijorità espliċita fejn ir-riżorsi jiġu allokat mill-ġdid jew jiżiedu skont dan għall-perjodu lil hinn mill-2013; reviżjoni tal-miżuri komunitarji li jikkontribwixxu sabiex jiżguraw aċċess għal ħtiġijiet bażiċi għas-saħħa (kura tas-saħħa, kenn, ikel, ilma, edukazzjoni); u inizjattiva internazzjonali akbar sabiex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi globali tas-saħħa.

## **6. ANALIŻI TAL-IMPATTI**

Din hija inizjattiva mhux leġiżlattiva mmirata sabiex isahħa azzjoni biex tappoġġja u tikkomplimenta l-isforzi tal-Istati Membri u partijiet oħra interessati sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi tas-saħħa. Azzjonijiet proposti fl-għażliet I, II u III jimplikaw: 1) iż-żieda fl-isforzi sabiex tittejjeb il-koordinazzjoni u jitħaffu l-kwistjonijiet fil-livell tal-UE u 2) iż-żieda fl-isforzi sabiex titqajjem kuxjenza fost l-Istati Membri u partijiet interessati oħra tal-importanza sabiex tiġi kkunsidrata s-saħħa u kwistjonijiet soċjali notevolment fil-preżenza tal-kriżi ekonomika tal-preżent. Sa liema punt l-attivitajiet jassistu l-azzjoni mill-Istati Membri u partijiet interessati oħra sabiex l-inugwaljanzi tas-saħħa jitnaqqsu huwa d-determinant ewleni tal-impatt tal-proposti.

## **6.1. Impatti Soċjali**

L-azzjonijiet fit-tliet għażliet huma mistennija li jkollhom impatt soċjali pożittiv u mhux mistenni li jkollhom impatt soċjali negattiv. Meta mqabbla mal-Għażla I, l-Għażliet II u III x'aktarx se jkollhom impatt soċjali pożittiv akbar

Kwistjoni importanti hija li l-kriżi ekonomika preżenti tista' żżid l-inugwaljanzi tas-saħħa permezz ta' deterjorament ta' ċerti determinanti tas-saħħa. L-Għażliet II u III, permezz ta' attivitajiet ta'ħolqien ta' kuxjenza aktar b'saħħitha jistgħu jgħinu sabiex jiżguraw li, fi żmien ta' prijoritizzazzjoni, l-Istati Membri ma jittraskurawx dan il-qasam ta' politika u jkollhom konsegwenzi ekonomiċi u soċjali futuri negattivi

## **6.2. Impatti ekonomiċi**

Spejjeż ekonomiċi indiretti ta' inugwaljanzi kbar tas-saħħa huma potenzjalment konsidervoli. Dawn ma jistgħux jiġu kkalkolati bi preċiżjoni. Studju kkalkola l-gwadann ekonomiku potenzjali billi jgħib is-saħħa tal-popolazzjoni dinjija fuq il-livell ta' dawk b'livell ta' edukazzjoni oġġla biex ikun bejn 1.2 % u 9 % tal-PGD.

Huwa diffiċli sabiex tidentifika l-ispejjeż tal-azzjonijiet biex tittejjeb id-dejta disponibbli u l-komparabbiltà, notevolment permezz tal-istatus soċjoekonomiku.

B'mod globali, il-progress fuq id-determinanti tas-saħħa u l-inugwaljanzi tas-saħħa għandhom x'aktarx ikollhom impatt ekonomiku pożittiv. Aktar 'il quddiem gwadann fis-saħħa u tnaqqis fit-telf ta' snin ta' ħajja b'saħħitha jista' jkun newtrali mil-lat ta' spejjeż jew ta' benefiċċju ekonomiku b'mod globali.

## **7. IL-VALUTAZZJONI TAL-GĦAŻLIET**

It-tliet għażliet kollha għandhom jgħinu sabiex l-għanijiet ġenerali jintlaħqu bl-Għażla III x'aktarx ikollha l-akbar effett. Madanakollu, l-Għażla III tinvolvi spejjeż addizzjonali u taffaċċja ċerti ostakoli ta' implimentazzjoni. Ibbażata fuq il-fattibilità (notevolment l-abbiltà sabiex tagħxi b'rabta mal-kriżi kurrenti) u l-ispejjeż involuti f'Għażla II hija l-Għażla preferuta. L-Għażla II tista' tiġi kkunsidrata bħala pass lejn il-ħidma ulterjuri fil-livell tal-UE dwar l-inugwaljanzi fis-saħħa u tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju ta' sussidjarjetà.

## **8. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI**

Azzjonijiet evalwati jinkludu proposti għat-titjib tal-informazzjoni, monitoraġġ u rappurtar fuq progress dwar l-inugwaljanzi tas-saħħa u d-detrimenti tagħhom li jistgħu jintużaw għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Il-Kummissjoni ser tuża wkoll l-appoġġ espert għal analiżi regolari tal-iżviluppi tal-politika tal-UE permezz tal-Osservatorju Ewropew dwar is-Sitwazzjoni Soċjali u l-Osservatorju dwar is-Sistemi tas-Saħħa u l-Politiki. Mekkaniżmu ulterjuri ta' monitoraġġ huwa rapport tal-Kummissjoni fl-2012 dwar l-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva u l-progress li kellha fuq l-indirizzar tal-inugwaljanzi tas-saħħa, b'rapporti ulterjuri previsti.



<b>Għażla I</b> <i>- Kollox jibqa' l-istess</i>	<b>Għażla II</b> <i>- Il-Bini tal-miżuri eżistenti</i>	<b>Għażla III</b> <i>- Tibdil globali</i>
--	---	--

--	--	--

**MT**

**MT**